

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwardja l-perijodu effettiv

COM(2007) 861 finali — 2007/0291 (COD)

(2008/C 162/15)

Nhar l-24 ta' Jannar 2008, il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea ddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 95 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li jikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar

Il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 460/2004 li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni f'dak li jirrigwardja l-perijodu effettiv

Billi l-Kumitat jikkunsidra li l-kontenut tal-proposta huwa kompletament sodisfaċenti u li m'hemm bżonn ta' l-ebda kummenti min-naħa tiegħu, iddeċieda, matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu tat-13 u ta' l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), b'134 vot favur, 3 voti kontra u 2 astensjonijiet, li jagħti opinjoni favorevoli għat-test propost.

Brussell, it-13 ta' Frar 2008.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Dimitris DIMITRIADIS

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar L-istrumenti tal-ġestjoni bbażati fuq id-drittijiet tas-sajd

(2008/C 162/16)

Nhar is-27 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew iddeċieda, b'konformità ma' l-Artikolu 29(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li jħejji opinjoni fuq inizzjattiva proprja dwar

L-istrumenti tal-ġestjoni bbażati fuq id-drittijiet tas-sajd

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għall-Agricoltura, l-Iżvilupp Rurali u l-Ambjent, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-opinjoni tagħha nhar it-22 ta' Jannar 2008. Ir-rapporteur kien **is-Sur Sarró Iparraquirre**.

Matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet nhar it-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta tat-13 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'110 voti favur, 2 voti kontra u 5 astensjonijiet.

1. Konklużjonijiet

1.1 Il-KESE jemmen li għadarba l-perijodu ta' diskussjoni jintemm, il-Kummissjoni għandha tagħmel studju li jiffoka fuq il-kapaċitajiet attwali tal-flotot Komunitarji u l-kwoti meħtieġa għall-kompetittività tagħhom filwaqt li jirrispetta s-sostenibbiltà taż-żoni Komunitarji tas-sajd.

1.2 Dan l-istudju għandu jindirizza l-aġġornamenti tad-drittijiet ta' l-Istati Membri li saru fuq il-bażi tal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva u għandu jikkunsidra t-tibdiliet li saru f'24 sena, mill-1983 'l hawn.

1.3 F'dan l-aġġornament għandu jkun hemm provvedimenti għall-allokazzjoni perijodika tal-kwoti, per eżempju għal perijodu

ta' ħames snin, sabiex il-kwoti jkunu jistgħu jitqassmu mill-ġdid f'każ li jerġa' jkun hemm xi żbilanċi.

1.4 Dan l-aġġornament għandu joffri l-aħjar soluzzjonijiet sabiex jiġu evitati l-iżbilanċi li bħalissa qed jolqtu lill-kwoti għal xi speċi pelaġiċi u tal-qiegħ f'żoni partikolari ta' sajd. Fil-biċċa l-kbira ta' l-Istati Membri dawn l-iżbilanċi jwasslu għal kwoti eċċessivi jew mhux adegwati.

1.5 Ikun xi jkun il-każ il-kwoti involuti għandhom ikunu bbażati fuq data xjentifika. Għaldaqshekk, il-KESE jemmen li għandhom isiru iktar sforzi biex jittejjeb l-għarfien xjentifiku tar-riżorsi. Il-biċċa l-kbira tal-kwoti bħalissa huma stabbiliti fuq il-bażi ta' l-approċċ ta' prekawzjoni minħabba n-nuqqas ta' data xjentifika.